MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1692/2001/1

**Ċitazzjoni nru 1692/2001**
**Maria Emma *sive* Emma Camilleri, armla ta' Carmelo Camilleri; u b'dikriet tat-2 ta' Diċembru 2005 il-kawża tkompliet fil-persuna ta' Carmel *sive* Charles Camilleri u Nathalie Sciberras minflok Maria Emma *sive* Emma Camilleri li mietet waqt li kienet miexja l-kawża**

***Versus***

**John Camilleri u għall-interess li għandha martu Angela Camilleri**

Din hija kawża taħt l-artt. 389 *et seqq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kontra amministratur biex jagħti kont ta' l-amministrazzjoni. It-talbiet ta' l-attriċi, u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, huma miġjuba fis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2003, li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet l-ewwel talba ta' l-attriċi billi tat lill-konvenut żmien biex jagħti kont ta' l-amministrazzjoni.
Il-konvenut ma tax il-kont fiż-żmien li ngħatalu u għalhekk il-qorti, b'dikriet tat-28 ta' Ġunju 2004, tat lill-attriċi s-

setgħa illi tispeċifika, imqar bil-ġurament, is-somma li għandha tingħatalha, kif irid l-art. 394(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L-attriċi għamlet dan b'nota tas-17 ta' Settembru 2004: mhux biss speċifikat, bil-ġurament tagħha, is-somma li għandha tingħatalha mill-amministrazzjoni ta' flusha, iżda ippreżentat ukoll kont imħejji minn *accountant* mibni fuq dokumenti u xhieda oħra fil-proċess.

Il-qorti, wara li rat in-nota ta' l-attriċi u d-dokumenti relativi, u qieset ukoll ix-xhieda mogħtija minn rappreżentanti tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u tal-*British Pensions Office*, tapprova l-istqarrija magħmula mill-attriċi ħlief fejn din turi d-dħul mill-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali, għax, fil-waqt illi skond l-istqarrija ta' l-attriċi d-dħul minn dik il-pensjoni bejn l-1996 u l-1999 kien ta' tmint elef, disa' mija u sitta u għoxrin lira (Lm8,926), skond ix-xhieda tar-rappreżentant tad-dipartiment id-dħul f'dawk is-snin kien ta' tmint elef, tmien mija u sebgħa u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm8,877.50) — tmienja u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm48.50) anqas.

Għalhekk, mis-somma ta' sitt elef, seba' mija u disgħa u disgħin lira (Lm6,799) pretiża mill-attriċi bħala bilanċ ta' l-amministrazzjoni, għandhom jonqsu tmienja u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm48.50), biex jifdal sitt elef, seba' mija u ħamsin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm6,750.50).

L-imgħaxijiet ukoll ma għandhomx jinħadmu kif tippretendi l-attriċi iżda għandhom igħaddu minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-suċċessuri ta' l-attriċi s-somma ta' sitt elef, seba' mija u ħamsin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm6,750.50) flimkien ma' l-imgħaxijiet minn meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju sa meta jsir il-ħlas. Il-konvenuti għandhom iħallsu wkol l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------